# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis 31 ta' Jannar, 2019**

**Numru 29**

**Ċitazzjoni numru 810/04 LSO**

**Mizzi Antiques Limited (C-5794)**

**v.**

**Iċ-*Chairman* tal-*Malta Enterprise* ġjà l-*Malta Development Corporation* u b'digriet ta-8 ta' Marzu 2005 din il-Qorti ordnat illi kull fejn jirrikorri fl-atti l-kliem 'iċ-*Chairman* tal-*Malta Enterprise*' jiġu sostitwiti l-kliem *Malta Enterprise***

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa appell imressaq mill-korporazzjoni intimata minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża fl-ismijiet fuq imsemmija fil-31 ta' Ottubru, 2013, li biha u għar-raġunijiet li hemm imsemmija, laqgħet it-talbiet tal-kumpannija attriċi appellata billi:

"*filwaqt li* ***tiċħad*** *l-eċċezzjoni ulterjuri tal-konvenut:-*

*"1. Tilqa` l-ewwel talba u tiddikjara li d-deċiżjoni tal-korporazzjoni konvenuta kkommunikata lis-soċjeta` attriċi permezz tal-ittri tas-16 ta' Frar 2004 u tat-23 ta' April 2004 bħala nulla u bla effett stante:-*

*"(a) tali deċiżjoni tikkostitwixxi abbuż tas-setgħa tal-awtorita' pubblika billi din saret għal għanijiet mhux xierqa u/jew ġiet imsejsa fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti jew raġjonevoli u dan bi vjolazzjoni tal-artikolu 469A tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili; u*

*"(b) tali deċiżjoni hija waħda inġusta u diskriminatorja.*

*"2. Tiddikjara illi l-korporazzjoni konvenuta hija responsabbli għad-danni kkaġunati lis-soċjeta` attriċi stante id-deċiżjoni mogħtija;*

*"3. Tillikwida d-danni f'ammont ta' tnejn u disgħin elf, tmien mija u tmintax-il ewro (€92,818).*

*"4. Tikkundanna lill-korporazzjoni konvenuta tħallas is-somma ta' tnejn u disgħin elf, tmien mija u tmintax-il ewro (€92,818) bħala danni sofferti mis-soċjeta' attriċi li minnhom is-somma ta' disgħa u sebgħin elf, tliet mija u ħamsin ewro u għaxar ċenteżmi (€79,350.10 ġja Lm34,065) għandhom jitħallsu lill-Malta Industrial Parks Limited f'każ li dan id-debitu għadu ma tħallasx mis-soċjeta' attriċi.*

*"Bl-ispejjeż kontra l-korporazzjoni konvenuta.*";

2. Il-Korporazzjoni (minn issa 'l hemm imsejħa "ME") appellat b'Rikors tal-Appell imressaq minnha fl-14 ta' Novembru, 2013, u li bih talbet lil din il-Qorti tħassar u tirrevoka l-imsemmija sentenza billi tilqa' l-eċċezzjonijiet tagħha u tiċħad it-talbiet tal-kumpannija attriċi appellata (minn issa 'l hemm imsejħa "MAL") u dan fuq erba' aggravji. L-ewwel aggravju jirrigwarda ċ-ċaħda tal-eċċezzjoni ulterjuri tagħha li MAL fetħet il-kawża wara ż-żmien ta' sitt xhur li l-liġi kienet tagħtiha biex tiftaħha. It-tieni aggravju jirrigwarda s-sejbien min-naħa tal-ewwel Qorti li ME kienet taħti ta' abbuż ta' setgħa. It-tielet aggravju jirrigwarda s-sejbien min-naħa

tal-ewwel Qorti li d-deċiżjoni meħuda minn ME kienet waħda inġusta u diskriminatorja fil-konfront ta’ MAL. Filwaqt li r-raba’ aggravju jirrigwarda l-likwdazzjoni tad-danni u l-kundanna għall-ħlas tiegħu lil MAL;

3. MAL ma ressqet l-ebda Tweġiba għar-Rikors tal-Appell ta’ ME;

4. Il-Qorti semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet u, waqt is-smigħ tat-30 ta’ Ottubru, 2018, ordnat il-korrezzjoni fir-Rikors tal-Appell ta’ ME, u ħalliet l-appell għas-sentenza;

5. Rat l-atti kollha tal-kawża;

***Ikkunsidrat:***

6. Illi din hija azzjoni ta’ stħarriġ ġudizzjarju. Tirrigwarda ċ-ċaħda ta’ talba magħmula minn MAL lil ME f’Ottubru tal-2003 biex tikrilha bini jew strutturi industrijali għall-finijiet tal-artikolu 18 tal-Att tal-1988 dwar il-Promozzjoni ta’ Negozji[1]. Wara laqgħa li saret bejn il-partijiet, ME bagħtet tgħarraf lil MAL b’ittra li ġġib id-data tat-23 ta’ April, 2004, li t-talba ta’ MAL ma kinitx qegħda tintlaqa’ għar-raġuni li “*given that on grounds of policy the Malta Enterprise Board of Directors is not in a position to allocate factory space for the type of activity carried out by your company*”. MAL

[1] Att XXI tal-1988 (Kap 325)

fetħet il-kawża quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-25 ta' Ottubru, 2004;

7. Il-Qorti jidhrilha xieraq li ġġib ir-raġunijiet li bis-saħħa tagħhom l-ewwel Qorti kienet waslet għal dik id-deċiżjoni tagħha:

> "*Illi f'din il-kawza s-socjeta` attrici Mizzi Antiques Limited qieghda tghid li ghandha tigi meqjusa bhala 'kumpanija kwalifikanti' taht l-Att dwar il-Promozzjoni tan-Negozji* ***(Kap. 325)*** *u ghalhekk tikkwalifika sabiex tigi allokata kirja ta' bini u strutturi industrijali bir-rati vantagguzi indikati fl-artikolu 18 tal-istess Att jew regolamenti. Is-socjeta` attrici pprezentat applikazzjoni ghal kirja ta' bini u strutturi industrijali taht l-artikolu 18, mal-Malta Enterprise gja l-Malta Development Corporation fis-27 ta' Ottubru 2003* ***(Dok A1)****. Din it-talba giet michuda permezz ta' ittra datata 16 ta' Frar 2004 (Dok* ***A2)****. Is-socjeta` attrici regghet talbet u ghamlet applikazzjoni mill-gdid wara l-ittra imsemmija izda l-applikazzjoni regghet giet michuda permezz ta' ittra datata it-23 ta' April 2004* ***(Dok A3)****.*
>
> *"Illi s-socjeta` attrici giet infurmata bid-decizjoni finali tal-Malta Enterprise gja l-Malta Development Corporation u cioe' illi t-talba taghha ma kenitx milqugha "given that on grounds of policy the Malta Enterprise Board of Directors is not in a position to allocate factory space for the type of activity carried out by your company".*
>
> *"Ghalhekk is-socjeta` attrici tghid li d-decizjoni tal-korporazzjoni konvenuta tikkostitwixxi abbuz tas-setgha moghtija lilha billi tmur kontra kull raguni mil-ligi u sahansitra ma gietx imsejsa fuq kunsiderazzjonijiet irrilevanti.*
>
> ***"It-terminu ta' sitt xhur***
>
> *"Illi l-istharrig gudizzjarju ta' azzjoni amministrattiva huwa kopert mill-Artikolu 469A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Skont l-Artikolu 469A kawza biex twaqqa' ghemil amministrattiv taht is-subartikolu (1)(b) ghandha ssir, fi zmien sitt xhur minn meta min ikollu nteress isir jaf jew seta' jsir, jaf, skont liema jigi l-ewwel, b'dak l-ghemil amministrattiv.*
>
> *"Illi f'din il-kawza qeghdin nittrattaw decizjoni dwar allokazzjoni ta' kirjiet ta' bini jew strutturi industrijali tal-Gvern b'rati vantaggjuzi skont Artikolu 18 l-Att dwar il-Promozzjoni ta' Negozji, Kapitolu 325 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*"Illi rrizulta li s-socjeta` attrici giet allokata fabbrika f'Rikasoli (RL3B) fuq bazi ta' temporary lease agreement minhabba l-gharar ta' Settembru 2003 u l-hsara li soffriet s-socjeta` attrici fil-fabbrika taghha, il-Marsa. Is-socjeta` attrici kienet talbet lill-Institute for the Promotion of Small Enterprises (l-IPSE - li wara saret parti mill-Malta Enterprise), sabiex taghmel rakkomandazzjoni lill-Korporazzjoni sabiex hija tkun tista` tikri l-fond fuq bazi ta' standard lease agreement, cioe` agreement fil-tul. Pero` sabiex jigi approvat dan kien jiehu ftit zmien u ghalhekk huma talbu li t-temporary lease agreement, li ghall-ewwel kien ghall-perjodu ta' xahar mis-26 ta' Settembru 2003 sal-25 ta' Ottubru 2003 (Vide DM2 a fol 116), jigi estiz sal-31 ta' Dicembru 2003. Din il-proposta kienet giet accettata.*

*"Illi, fit-18 ta' Dicembru 2003, l-IPSE baghtet ittra fejn qalet li kienet ezaminat is-sitwazzjoni tas-socjeta` attrici u li kienet se taghmel rakkomandazzjoni biex is-socjeta` attrici tkun allokata 'a standard lease agreement on Ricasoli's factory.'*

*"Illi l-IPSE u l-Malta Development Corporation ma baqghux jezistu u minflokom saret il-Malta Enterprise.*

*"Illi l-Malta Enterprise ma accettatx ir-rakkomazzjonijiet tal-IPSE fil-konfront tas-socjeta` attrici u dan permezz ta' ittra datata 16 ta' Frar 2004. (vide Dok A2 a fol 44).*

*"Illi permezz ta' ittra ohra datata l-1 ta' Marzu 2004, il-Malta Industrial Parks infurmat lis-socjeta` attrici li kienet qieghda tokkupa l-fabbrika RL3B minghajr titolu u nghatat zmien biex tivvaka l-fabbrika. Skont il-Korporazzjoni intimata din id-decizjoni qatt ma giet irtirata jew revokata.*

*"Illi s-socjeta' attrici talbet li t-talba taghha sabiex ikollha 'a standard lease agreement terga' tigi kkunsidrata mill-gdid. Skont Desmond Mizzi, direttur tas-socjeta` attrici, huwa ghamel kuntatt mac-Chairman tal-Malta Enterprise Joe Zammit Tabone u kien sar meeting f'istess fabbrika bejn Zammit Tabone, s-Sur Demarco, Joseph Tabone u Dr Sapiano. Skont Desmond Mizzi, is-Sur Zammit Tabone qallu li se jirrikonsidra d-decizjoni mehuda fil-Board Meeting li kien imiss. Il-Board kien qabbad lil George Borg sabiex jistudja l-kaz. Fil-fatt George Borg fix-xhieda tieghu jghid li fil-25 ta' Marzu 2004, huwa flimkien ma' Martin Bowerman u Philip Micallef marru jaghmlu 'site visit' fil-fabbrika. L-iskop tas-'site visit' kien, "Board Decision: Whether to extend 3-month lease agreement to a full 16 year lease."– Vide **Dok GB1** a fol 179. (Vide ukoll xhieda ta' **Philip Micallef** a fol 203 fejn jikkonferma li mar is-site visit u ghamlu r-rakkomandazzjonijiet taghhom).*

*"Illi l-fatt li kien hemm rikonsiderazzjoni tad-decizjoni mehuda fis-16 ta' Frar 2004 u li kellha ssir 'site visit' hija kkonfermata mill-minuti tal-Board Meeting tal-Malta Enterprise tal-11 ta' Marzu 2004 fejn intqal, "The Board agreed to postpone taking a decision regarding this promotor's request for factory space at Ricasoli. The Deputy Chairman*

*and the Chief Executive Officer are to hold an on site inspection in order to ascertain whether Mizzi Antiques' operation is a manufacturing industry and are to report to Board at its next Meeting, when a final decision will be taken." (**Dok WM1** — esibiti waqt is-seduta tat-13 ta' Frar 2007 quddiem il-Perit Legali).*

*"Illi fil-istess dokument hemm il-Minuti tal-Board Meeting tal-Malta Enterprise tal-25 ta' Marzu 2004, u cioe` wara l-site visit, fejn intqal li "Following a lengthy discussion on the subject, it was agreed by a majority of Directors present that Mizzi Antiques' request for an allocation of a factory be turned down..."*

*"Illi permezz ta' ittra datata 23 t'April 2004 il-Malta Enterprise nformat lis-socjeta' attrici li ma kinetx ser tallokalha spazju ghall-fabbrika (vide fol.130), "I regret to inform you that your request for the allocation of a factory on lease cannot be acceded to, given that on grounds of policy the Malta Enterprise Board of directors is not in a position to allocate factory space for the type of activity carried out by your company. Hence, the legal position as described in Malta Industrial Parks letter dated 1st March 2004 still holds and you are therefore requested to vacate factory RL3B immediately failing which an eviction order will follow". Minn din l-ittra jirrizulta li ttiehdet decizjoni mill-gdid rigward it-talba ghall-allokazzjoni ta' fabbrika maghmula mis-socjeta' attrici.*

*"Illi jrid jigi stabbilit meta jibdew jiddekorru s-sitt xhur, middecizjoni komunikata fis-16 ta' Frar 2004 jew mid-decizjoni komunikata fit-23 ta' April 2004. It-tezi tal-konvenut hija li peress li s-socjeta` attrici intavolat citazzjoni fil-25 ta' Ottubru 2004, din il-kawza saret fuori termine ghaliex kien skada t-terminu ta' sitt xhur stante li s-socjeta` attrici, saret taf bid-decizjoni dwar l-approvazzjoni tal-lease agreement fis-16 ta' Frar 2004 u l-kawza hija nulla u minghajr effett. Skont il-konvenut id-decizjoni tat-23 ta' April 2004 ikkonfermat u affermat id-decizjoni tas-16 ta' Frar 2004 izda ghas-socjeta` attrici d-decizjoni finali giet mehuda fit-23 ta' April 2004.*

*"Illi huwa ormai stabbilit li t-terminu tas-sitt xhur li jirreferi ghalih l-Artikolu 469A(3) tal-Kap. 12 huwa wiehed ta' dekadenza u cioe` dan it-terminu ma jigix interrott jew sospiz bhalma jsehh fil-kaz ta' terminu ta' preskrizzjoni. (Vide "**Gerard Zammit vs Awtorita` tal-Ippjanar" -** deciza fit-2 ta' Frar 2000, "**Dennis Tanti vs Ministru ghall-Izvilupp Socjali et**" - deciza 27 ta' Gunju 2003, "**Roberto Zamboni noe. vs Id-Direttur tal-Kuntratti et" -** deciza fil-31 ta' Mejju 2002**, "Edward Paul Tanti vs Segretarju Amministrattiv tal-Ufficcju tal-Prim Ministru," -** Qorti ta' l-Appell, 7 t'Ottubru 2005**,"Michael Mizzi v. L-Awtorita' tat-Turizmu et" -** deciza 10 ta' Novembru 2008, "**Maria Victoria Borg et v. Sindku u Segretarju in rapprezentanza Lokali Pieta'**", - Qorti tal-Appell, deciza fid-19 ta' Mejju 2009.*

*"Illi fir-rapport tal-Perit Legali, hija ssostni li **lanqas it-trattattivi ma jinterrompu l-perjodu ta' dekadenza, "**Illi t-trattattivi ta' transazzjoni*

*meta fihom l-venditur ma jirrikonoxxix il-vizzju ma jimportaw l-ebda obligazzjoni fil-venditur u ma joperawx biex isalvaw lill-kompratur minn dik id-dekadenza" - (Vol XXIV P III p779; "***Paul Xerri vs Joseph Pitre et " -** *Appell 7/10/1997***; "Anton Grima vs Anthony Fenech noe." -** *Appell 6/10/1999***; "Emanuel Fava vs Prof John Mamo et noe" -** *PA -3/10/2003 Cit. 1023/1994).*

*"Illi pero` din is-sitwazzjoni odjerna hija differenti ghal kollox minn trattativi ta' transazzjoni meta fihom l-venditur ma jirrikonoxxix il-vizzju li jkun qieghed jigi allegat. Hawnhekk si tratta ta' decizjoni ta' Awtorita` amministrattiva komunikata permezz ta' ittra (16 ta' Frar 2004), u azzjonijiet inekwivokabbli da parti tal-istess Awtorita` li hija kienet se tirrevedi, jew ahjar terga' tistudja l-kaz in kwistjoni. Dawn assolutament ma kienux trattattivi ta' transazzjoni, fejn kull parti jibqa' fuq il-pozizzjoni tieghu izda lest li jcedi ftit u jasal ghal xi kompromess jew soluzzjoni. Fil-kaz in dizamina kien hemm talba permezz ta' applikazzjoni (Dok A1), cahda tal-applikazzjoni mill-Awtorita` (vide ittra 16 ta' Frar 2004), rikonsiderazzjoni li de facto ssospendiet l-effetti tac-cahda (vide minuti tal-Bord u r-rapport tas-site visit), u cahda tar-rikonsiderazzjoni (23 ta' April 2004).*

*"Illi fil-fehma ta' din il-Qorti d-decizjoni finali ttiehdet permezz tal-ittra datata 23 ta' April 2004. Ikun zball jekk is-sitt xhur ta' dekadenza jibda' jiddekorri mill-ewwel decizjoni u mhux mid-decizjoni dwar ir-rikonsiderazzjoni. Talbiet ghar-rikonsiderazzjoni huma frekwenti fl-ambitu tal-amministrazzjoni pubblika u interpretazzjoni bhala din tista' taghti lok ghall-abbuz; liema abbuz huwa fil-fatt l-oggett tal-Artikolu 469A.*

*"Illi b'hekk irrizulta mill-provi li d-decizjoni tal-Board tal-Malta Enterprise ittehdet waqt laqgha li saret f'Marzu tal-2004. Din id-decizjoni giet ikkomunikata lis-socjeta` attrici b'ittra datata t-23 ta' April 2004. Din hija d-data meta beda jiddekorri t-terminu ta' sitt xhur. L-Artikolu 469A(3) tal-Kap 12 li jiddisponi illi:-* ***"Kawza biex twaqqa' ghemil amministrattiv taht il-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu ghandha ssir fi zmien sitt xhur minn meta min ikollu interess isir jaf jew setgha jsir jaf, skont liema jigi l-ewwel, b'dak l-ghemil amministrattiv"***

*"Illi din il-kawza odjerna nfethet fil-25 ta' Ottubru 2004 u tenendo kont li l-ittra hija datata 23 ta' April 2004 li kienet il-Gimgha, fl-ahjar ipotesi, is-socjeta` attrici qrat l-ittra fis-26 ta' April 2004. B'hekk l-eccezzjoni ulterjuri sollevata mill-intimat se tigi michuda.*

***"Dwar il-Mertu***

*"Illi fil-kaz in dizamina l-Korporazzjoni konvenuta tikkontendi li s-socjeta` attrici ma kkwalifikatx biex tkun tista` tikri b'rati vantaggjuzi indikati fl-artikolu 18 ta' tal-Kap. 325 stante li ma tissodisfax id-dispozizzjonijiet tal-artikolu 3(1) tal-Kap 325, l-Att dwar il-Promozzjoni*

*ta' Negozji. Mill-provi rrizulta li bhala procedura kienet l-ewwel issir l-applikazzjoni ghand l-IPSE li kienet hejjiet rapport favoreli lil Malta Development Corporation (ittra tal-IPSE tat-18/12/03) u li l-MDC kienet hi li tiddeciedi tallokax kirja ta' fabbrika jew le. Gara li l-IPSE u l-MDC inghaqdu u saru l-Malta Enterprise. Il-Malta Enterprise ddecidiet li s-socjeta` attrici ma tikkwalifikax ghall-istandard lease agreement.*

*"Illi sar ir-rapport mill-IPSE lil MDC fejn irrakkomanda l-allokazzjoni tal-fabbrika lis-socjeta` attrici liema rapport jaghmilha cara li s-socjeta` attrici xogholha huwa fir-restawr ta' ghamara antika. Kien hemm minuti tal-Bord li jghidu li ma xtaqux jitilfu dan ix-xoghol u l-haddiema li jahdmu f'dan l-ambitu. Pero` l-Korporazzjoni konvenuta tul it-trattazzjoni tal-kawza kkontendiet li r-restawr tal-ghamara ma kienx prijorita` ghaliha u ma kienx settur li jaqa' taht il-policy taghha; l-eks Chairman Joe Zammit Tabona qal li l-'priority sectors' ilhom fuq il-website tal-Malta Enterprise mis-sena 2004. Li gara huwa li qabel is-sena 2004 (vide xhieda ta' George Borg fis-seduta tat-13/3/07) hadd ma kien jaf b'din il-policy. L-istess George Borg jammetti li meta kien l-IPSE din kienet l-ewwel applikazzjoni dwar restawr tal-ghamara li ressaq l-IPSE lil MDC illum Malta Enterprise. Il-policy tal-Korporazzjoni dwar ir-restawr tal-ghamara ma kinetx wahda pubblikata tant li George Borg kien insista li din ghandha titnizzel fil-minuti sabiex skont hu 'tkun ghal kulhadd'. Ghalhekk jigi s-suspett li r-restawr tal-ghamara kienet xi darba prijorita` izda fiz-zmien meta nqalghet din il-kwistjoni kien hemm min haseb li jkun ahjar li r-restawr ma tkunx prijorita`.*

*"Illi dwar l-fatt li s-socjeta' attrici mhix kumpanija 'stand alone', hawnhekk taqbel mal-istess kumpanija li tghid li l-Malta Enterprise kellhom jimxu mal-business plan li huma taw lill-MDC (**Dok A1)** u mhux mal-Memorandum & Articles tal-kumpanija, dan ghaliex di natura l-Memorandum & Articles huma wiesa` biex is-socjeta` specjalment fil-bidu tkun tista` tagixxi minghajr restrizzjonijiet izda malli s-socjeta' attrici ntrabtet b'certu 'business plan', il-Malta Enterprise kellha tara jekk dan il-business plan huwa kwalifikanti u mhux l-Memorandum & Articles.*

*"Skont dan il-business plan "Mizzi Antiques Ltd.'s core business is to enhance the value of an antique through its restoration...The core business of Mizzi Antiques Ltd. is the restoration of furniture. This product category accounts for over 80% of the company's throughput. Ths company however also carries restoration work on paintings, gilded products, mirrors, frames, ceramics and glass."*[2]

*"Illi in oltre jrid jinghad li George Borg alluda ghall-fatt li applikanti jifformaw kumpanija ohra u dan sabiex jikkwalifikaw bhala 'stand alone company'. Dwar dan George Borg (seduta 13/2/07) jghid li "kienu l-owners tal-business mhux intelligenti bizzejjed li jaghmlu kumpanija ohra." Izda jghid ukoll "I have no idea kif wasalna ghal konkluzjoni li*

[2] Fol 23 u 28  tal process.

*Mizzi Antiques ma kinetx stand alone company" ghalkemm jghid ukoll li fil-'business plan' normalment ikun hemm l-istruttura tal-kumpanija.*

*"Illi dak deskritt hawn fuq juri certu nuqqasijiet fl-agir tal-konvenut, li huwa abbuz tas-setgha ta' din l-awtorita' pubblika billi d-decizjonijiet saru ghal ghanijiet mhux xierqa u gew msejsa fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti u ragjonevoli u dan bi vjolazzjoni tal-artikolu 469A tal-Kodici tal-organizzazzjoni u Procedura Civili.*

*"**Decizjoni Gusta***

*"Illi din il-Qorti tinnota mill-ewwel fiz-zewg decizjonijiet (16 ta' Frar 2004 u 23 ta' April 2004) tal-Malta Enterprize hemm in-nuqqas ta' ragunijiet moghtija ghall-istess decizjoni. Entita' amministrattiva ghandha d-dmir li taghti ragunijiet ghad-decizjoni taghha (the duty to give reasons)*

*"Fis-sentenza Ingliza **Ridge v. Baldwin** ([1964] AC 40) 'the right to a fair hearing' gie iddikjarat bhala 'a rule of universal application'. Lord Loreburn identifika dan il-principju fil-kawza **Board of Education v. Rice** ([1911] AC 179) u afferma li l-applikazzjoni tal-principji tal-gustizzja naturali 'is a duty lying upon everyone who decides anything'. In oltre, Wade and Forsyth fil-ktieb 'Administrative Law' [(10th edn, OUP 2009) pg.408] jghidu hekk: "Experience has shown that there are remarkably few true exceptions to this 'duty lying upon everyone who decides anything', at any rate anything which may adversely affect legal rights or liberties".*

*"Illi fis-sentenza "**Borg vs l-Awtorita' dwar it-Trasport Pubbliku**" deciza fil-21 ta' Mejju 2009 minn din il-Qorti (PA/JRM) inghad hekk dwar il-principji tal-gustizzja naturali: - "Bil-kemm ghandu jinghad li l-htiega li t-tribunal jew awtoritajiet amministrattivi jharsu b'mod skrupoluz it-thaddin ta' dawn il-principji hija wahda li m'ghandux ikun hemm dispozizzjoni espressa tal-ligi sabiex wiehed japplikaha. **It-tharis ta' dawn il-principji fit-tmexxija tal-amministrazzjoni pubblika ghandu jkun il-kejl minimu li jiggarantixxi t-trasparenza u s-siwi tal-ghemil amministrattiv.** Ghall-kuntrarju n-nuqqas ta' tharis ta' dawn il-principji jwassal ghall-irritwalita' tal-ghemejjel hekk imwettqa' u ghat-thassir taghhom. "(Vide **'Stephen Galea vs Frans Farrugia et'** P.A. 30 ta' Marzu 2010 **u "Debono vs Phonica Systems Ltd"** – Appell Inferjuri – 19 ta' Mejju 2004)*

*"Illi meta s-socjeta` attrici giet infurmata bl-ewwel cahda tal-applikazzjoni taghhom l-istess socjeta` attrici ma nghatat l-ebda raguni u fit-tieni decizjoni, fl-ittra ta' 23 ta' April 2004 (fol 130), is-socjeta` attrici nghatat spjegazzjoni li huwa minhabba l-policy li ma jaghtux fabbriki ghal attivita` tal-kumpanija.*

*"Illi fil-ktieb **Evans De Smith fil-"Judicial Review of Administrative Action"** (4th Edition – pag.196) l-awtur jghid, "Natural justice generally requires that the persons liable to be directly affected by the proposed*

*administrative acts, decisions or proceedings be given adequate notice of what is proposed, so that they might be in a position: (a) to make representations on their own behalf; or (b) to appear at a hearing or inquiry (if one is to be held) ; and (c) effectively to prepare their own case and to answer the case (if any) they have to meet … In a large majority of the reported cases where breach of the audi alteram partem rule has been alleged, no notice whatsoever of the action taken or proposed to be taken was given to the person claiming to be aggrieved and failure to give him proper notice was tantamount to denial of an opportunity to be heard on that matter."*

*"Illi bejn decizjoni u ohra s-socjeta` attrici ma nghatatx l-opportunita` li tirretifika xi nuqqasijiet da parti taghha jew tipprepara 'difiza' adegwata specjalment in vista tal-fatt li l-policy tal-Malta Enterprise gja MDC kienu apparentament u inspjegabbilment inbiddlu bejn decizjoni u ohra.*

*"Illi dwar id-diskriminazzjoni fil-kawza "**Borg Aquilina Limited vs Direttur tad-Dipartiment tas-Sahha Pubblika"** (P.A. 28 ta' Frar, 2007) il-Qorti ghamlet referenza ghall-**"Francis Paris et vs Maltacom plc"** (P.A. (TM) Cit. Nru: 480/02/TM – 7 ta' Ottubru 2004) fejn intqal :-*

*"Tajjeb li jinghad, fl-ewwel lok, li fil-fehma tal-Qorti, materja ta' diskriminazzjoni ma hijiex rizervata biss ghall-investigazzjoni u rettifika mill-organi gudizzjarji kostituzzjonali. Jekk l-organi l-ohra, proprju bhal ma hi din il-Qorti, jistghu jipprovdu skont il-ligi ordinarja rimedju xieraq u adegwat ghal lezjoni, attwali jew mhedda, ta' jedd fundamentali, kien dan l-istess rimedju li kellu, u ghandu, fl-ewwel lok jigi mfittex. Ara a propozitu decizjoni ta' din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet "**Agius vs Galea Debono nomine**", moghtija fil-21 ta' Ottubru 2002. Fl-istess sens huma d-decizjonijiet ta' din il-Qorti fil-kawza "**Mifsud Bonnici et vs Tabone noe**", moghtija fl-24 ta' Settembru 2002, u fil-kawza "**Camilleri et vs The Cargo Handling Co. Ltd"**, moghtija fit-3 ta' Ottubru 2003."*

*"Illi l-istess Onorabbli Qorti kompliet: -*

*"Fil-kuntest ta' diskriminazzjoni hu risaput illi dak li jrid jigi ppruvat huwa illi l-allegat trattament kien differenti minn dak li nghata lil persuni ohra li kienu tal-istess deskrizzjoni taghhom. Il-paragun li minnu jehtieg li tohrog id-distinzjoni li hi l-bazi tar-reklam ta' diskriminazzjoni 'timporta zewg elementi, u cioe', li l-lanjant ma giex ittrattat b'certu mod waqt li haddiehor fl-istess cirkostanzi (in pari conditione) gie jew kien gie ttrattat b'certu mod waqt li haddiehor fl-istess cirkostanzi ma giex. Fi kliem iehor irid isir paragun bejn l-izvantaggjat u l-ivvantaggjat fuq terren ta' cirkostanzi pari" – **"Galea noe vs Kummissarju tal-Pulizija"**, deciza mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fit-22 ta' Jannar 1990".*

*"Il-kriterji biex tirnexxi azzjoni bazata fuq diskriminazzjoni kienu gew ampjament diskussi mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fil-kawza **"Vassallo et vs Kummissarju tal-Pulizija", deciza fis-16 ta' Awwissu 1976"**:*

***……..omissis………..***

*"Dan hu konformi mal-interpretazzjoni ta' diskriminazzjoni moghtija anke minn diversi tribunali nazzjonali li cioe' l-kuncett ta' ugwaljanza ta' trattament ma jistax jigi intiz fis-sens assolut jew aritmetiku ddivorzjat mic-cirkostanzi u kondizzjonijiet inerenti fis-sitwazzjoni li tkun qieghda tigi ezaminata…Differenzjazzjoni pero' biex tkun legittima trid tirpoza fuq bazi objettiva u ragonevoli, tenut kont tal-ghan u l-effetti tal-mizuri in ezami, u jrid ikun hemm rapport ragonevoli ta' proporzjonalita' bejn il-mezzi mpjegati u l-iskop vizwalizzat."*

*"Illi dan l-insenjament jidher li gie segwit – b'varjazzjonijiet zghar li jirriflettu l-fatti specie tal-kaz li jkun milli xi spostament ta' principju – f'diversi kawzi fosthom "**Il-Pulizija vs Muscat**", deciza minn din il-Qorti (Sede Kostituzzjonali) fit-28 ta' Lulju 1989, **"Borg noe vs Ministru tal-Affarijiet Barranin u Kultura et"**, deciza wkoll minn din il-Qorti (Sede Kostituzzjonali) fit-2 ta' Mejju 1984, "**Cacopardo vs Ministru tax-Xoghlijiet et**", deciza mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fl-20 ta' Frar 1987, **"Debono Grech vs Mizzi et noe"**, deciza mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fit-3 ta' Frar 1999, u **"Agrimalt Ltd vs Awtorita' tal-Ippjanar"**, deciza wkoll mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fl-14 ta' Jannar 2004. Illi ghalhekk, ikun hemm diskriminazzjoni biss meta l-kazijiet ugwali jew persuni f'sitwazzjoni ugwali jigu trattati b'mod differenti u ma jkunx hemm bazi oggettiva u ragonevoli ghal tali trattament differenti.*

*"Illi fil-kaz odjern jirrizulta li kien hemm persuni f'sitwazzjonijiet ugwali li gew trattati b'mod differenti. Is-socjeta` pproduciet l-Memorandum & Articles tas-socjeta` 'Crafts Creations' biex tipprova li din inghatat fabbrika ghalkemm topera fis-settur tal-ghamara. Dan juri li kumpaniji tal-ghamara kienu kkonsidrati bhala 'beneficiaries', u li hemm dubju qawwi kif u ghalfejn tbiddlet din il-policy. Il-fatt li l-kumpanija Crafts Creations Ltd. giet zgumbrata mill-fabbrika ghal diversi ragunijiet fosthom uzu abbuziv tal-fond ma jimpingi xejn fuq il-kawza odjerna.*

*"Illi inoltre s-socjeta` attrici, gabet provi li kien hemm kumpaniji mhux 'stand alone' li kkwalifikaw bhala 'beneficiaries' uhud minnhom, huwa minnu, kienu ilhom joperaw ghall-bosta snin, izda whud twaqqfu anke f'epoka iktar ricenti. Huwa fatt li dawn gew allokati fabbriki mill-konvenut minkejja li skont il-Memorandum and Articles of Association taghhom, jirrizulta li jistghu, jew ghandhom il-potenzjalita' li jezercitaw atti ohra tal-kummerc.*

*"Izda anke li kieku wiehed kellu jargumenta li whud minnhom ilhom li ibbenefikaw is-snin mill-kirja preferenzjali, dan huwa irrilevanti cioe` f'liema zmien saru, ghaliex l-ligi hija dik li hi.*

*"Il-Qorti ghalhekk tikkonkludi li d-decizjoni mehuda mill-Malta Enterprise fir-rigward tas-socjeta' attrici kienet ukoll diskriminatorja fil-konfront taghha.*

***"Danni***

*"Dwar id-danni li s-socjeta' attrici ghamlet fil-fabbrika, il-Qorti ma taqbilx li ghandha tigi kkumpensata ghal dawk l-ispejjez li nkorriet fihom meta dahlet fil-fabbrika taht kondizzjonijiet ta' encroachment. Kienet taf ben tajjeb li ma kien hemm ebda garanzija li kienet ser tinghata kirja long term u li d-decizjoni ahharija dejjem baqghet f'idejn l-MDC, illum il-Malta Enterprise. Ma kien hemm ebda garanzija li l-kirja kienet ser tigi mgedda.*

*"Illi d-danni li qed tippretendi s-socjeta` attrici huma €132,131 principalment fl-ispejjez ta' garr (vide xhieda Joseph Tabone, financial controller tas-socjeta` attrici u James Camilleri, managing director ta' James Camilleri & Sons Ltd, fis-26 ta' Frar 2007), l-ispejjez li s-socjeta` attrici ghamlet fil-fabbrika tar-Ricasoli, €32,564.64 u charges tal-Malta Industrial Parks, €79,350.10.*

*"Illi dwar din it-talba, il-Qorti kkonsidrat li l-awtorita' konvenuta ghandha twiegeb biss ghad-danni li kienu konsegwenzjali ghall-agir ultra vires u abbuziv taghha.*

*"Ikkonsidrat li s-socjeta' attrici kienet giet allokata l-fabbrika f'Ricasoli taht titolu ta' encroachment, 'tale quale', u minghajr jedd ghall-hlas ta' benefikati. (Ara l-ittri esebiti a fol 118-121 tal-process fejn hemm elenkati l-kondizzjonijiet tal-allokazzjoni). L-ispejjez ghall-garr sal-fabbrika, kif ukoll spejjez necessarji bhal dawk inkorsi ghall-istallazzjoni ta' dawl u ilma, u benefikati fl-istess, saru mis-socjeta' attrici meta kienet ben konsapevoli mill-kondizzjonijiet tal-allokazzjoni u, inoltre, li ma kienx garantit li kienet ser tinghata kirja iktar long term. Fil-fehma tal-Qorti l-Awtorita` konvenuta m'ghandhiex twiegeb ghal dawn l-ispejjez.*

*"B'riferenza ghal **Dok. JT** a fol 362 tal-process, il-Qorti tara li huma gustifikati s-segwenti:*

| | |
|---|---|
| *"Shifting from Ricasoli* | *Lm5,532* |
| *"Fuel Costs* | *Lm 250* |
| | *Lm5,782 - €13,468.43* |

*"Riferibbilment ghac-charges mitlubin mill-Malta Industrial Parks Ltd. (€79,350.10 gja Lm34,065) (**Dokti JT3 u JT4**[3]**)** dawn huma reklamabbli kontra l-awtorita' konvenuta billi jikkonsistu fi spejjez ghall-okkupazzjoni tal-fabbrika wara li skadiet il-kirja temporanja, liema spejjez, huma konsegwenzjali ghar-rifjut tal-Malta Enterprise tal-applikazzjoni tas-socjeta' attrici.*

---

[3] Fol. 366 u 367 tal-process.

> *"Izda ma jirrizultax mill-atti jekk din is-somma effettivament thallset lill-Malta Industrial Parks Ltd. u din il-Qorti tqis li s-somma in kwistjoni ghandha tithallas lis-socjeta' attrici bil-kondizzjoni li ghandha tigi mroddha lill-Malta Industrial Parks jew, jekk din m'ghadhiex tezisti, lis-socjeta' li assumiet il-funzjonijiet u attivita' taghha. Altrimenti s-socjeta' attrici tkun qed tarrikixxi ruhha ingustament.*
>
> *"Illi din il-Qorti tikkalkola d-danni ghalhekk fis-somma komplessiva ta' €92,818 u cioe` l-ispejjez tal-garr mill-fabbrika (vide Dok JT a fol 362) u c-charges tal-MIP (**Dokti JT3 u JT4)** a fol. 366 u 367."*;

8. Il-Qorti sejra tqis l-aggravji fl-ordni mressqin minn ME u tibda bl-**ewwel aggravju**, jiġifieri dak li jirrigwarda ċ-ċaħda tal-eċċezzjoni ulterjuri tagħha dwar jekk l-azzjoni attriċi nbdietx fiż-żmien li trid il-liġi jew jekk infetħitx wara li kien għalaq dak iż-żmien. L-eċċezzjoni ulterjuri kienet imsejsa fuq dak li jippreskrivi l-artikolu 469A(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Fis-sentenza appellata, l-ewwel Qorti ċaħdet dik l-eċċezzjoni billi qieset li d-deċiżjoni aħħarija tat-23 ta' April, 2004 kienet tassew id-deċiżjoni li biha ME kienet qatgħetha li ma tilqax it-talba ta' MAL biex tagħtiha fabbrika mnejn tista' taħdem taħt id-dispożizzjonijiet tal-liġi speċjali li taħtha saret l-applikazzjoni. L-ewwel Qorti qieset li, minkejja li d-deċiżjoni tat-23 ta' April, 2004, ikkonfermat dik li kienet ittieħdet fis-16 ta' Frar ta' qabel, ME kienet wettqet eżerċizzju ta' rikonsiderazzjoni "li *de facto* ssospendiet l-effetti taċ-ċaħda" mogħtija fi Frar. B'hekk sabet li l-azzjoni attriċi tressqet eżatt qabel ma għalaq it-terminu ta' sitt xhur;

9. ME tgħid li, dwar iċ-ċaħda tal-imsemmija eċċezzjoni ulterjuri, ħassitha aggravata bis-sentenza appellata għaliex tħoss li l-ewwel Qorti

żbaljat fil-konklużjonijiet tagħha f'dak li jirrigwarda l-applikabilità taż-żmien ta' preskrizzjoni ta' sitt xhur. Tgħaddi, mbagħad, biex tagħmel sensiela ta' argumenti minsuġa biex turi għaliex, fil-fehma tagħha, l-eċċezzjoni kien jistħoqqilha tintlaqa'. Hija torbot kollox mal-argument li d-deċiżjoni impunjata minn MAL ittieħdet minn ME fl-ittra tagħha tas-16 ta' Frar, 2004, u mhux dik tat-23 ta' April, 2004;

10. Il-Qorti ma jidhrilhiex li dan l-aggravju huwa mistħoqq. Fl-ewwel lok, hemm qbil li d-deċiżjoni milħuqa u mibgħuta lil MAL fl-ittra tat-23 ta' April, 2004, kienet rikonsiderazzjoni magħmula minn ME (fuq talba f'dan is-sens minn MAL) wara li kienet ittieħdet id-deċiżjoni trasmessa fl-ittra tagħha lil MAL tas-16 ta' Frar, 2004, li biha kienet ċaħdet it-talba biex talloka fabbrika lil MAL taħt id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 325 tal-Liġijiet ta' Malta;

11. Din il-Qorti tqis li wieħed imissu jagħraf bejn każ fejn persuna tkun mgħarrfa b'deċiżjoni finali meħuda mit-tmexxija pubblika dwar xi talba tagħha u każ fejn dik il-persuna, għalkemm mgħarrfa b'deċiżjoni bħal dik, titlob lill-awtorità li tkun li terġa' taħsibha jew tirrikunsidraha. F'każ bħal dan, il-Qorti tqis li d-deċiżjoni meħuda tkun waħda tabilħaqq aħħarija u dak li jkun għandu jieħu r-rimedju tal-istħarriġ minnufih u mhux joqgħod kull tant żmien jitlob ir-reviżjoni bil-għan li jibqa' jgħid li l-proċess għadu miftuħ. Wieħed għandu jżomm quddiem għajnejh li l-artikolu 469A innifsu

(fis-sub-inċiż (2) tiegħu) jagħmilha ċara li, f'każ ta' nuqqas ta' tweġiba min-naħa tal-amministrazzjoni pubblika għal xi talba, ż-żmien jitqies li jibda għaddej b'seħħ minn xahrejn (jew żmien ieħor espressament mitlub minn xi liġi) minn meta ssir it-talba min-naħa taċ-ċittadin. Dan biex juri kemm il-liġi nnifisha, f'azzjoni bħal din, tfittex li ż-żminijiet għat-teħid tar-rimedju għad-deċiżjoni ma jibqgħux jiġġebbdu b'mod artifiċjali. Fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha, ma jidhrilhiex li ċ-ċirkostanzi juru ħaġa bħal din u dan tgħidu għal aktar minn raġuni waħda;

12. Mix-xhieda mressqa u mill-provi dokumentali li jinsabu fl-atti, jidher ċar ħafna li, wara li ME intalbet minn MAL biex terġa' tqis id-deċiżjoni tagħha ta' Frar dwar iċ-ċaħda tal-allokazzjoni tas-sit industrijali, ME jidher li reġgħet fetħet il-proċess ta' stħarriġ. B'mod partikolari, u kif sewwa issottometta l-għaref difensur ta' MAL waqt it-trattazzjoni, il-proċess tar-rikonsiderazzjoni kien jinvolvi deċiżjoni ġdida. Il-Qorti tirrileva li x-xhieda ta' Ġeorge Borġ – uffiċjal għoli fil-ME – turi bla ebda ħjiel ta' dubju li dan kien il-ħsieb tal-proċess ġdid li tnieda għar-rikonsiderazzjoni. Il-Qorti ssemmi wkoll ir-rapport tal-ispezzjoni li jġib id-data tal-25 ta' Marzu, 2004[4], li jsemmi espressament li d-deċiżjoni li kienet mistennija li tittieħed kienet: "*whether to extend 3-month lease agreement to a full 16-year lease*". Il-Qorti tirrileva li dak ir-rapport sar aktar minn xahar wara l-ittra tar-rifjut tas-16 ta' Frar, 2004; tqis ukoll li, minn dak il-kliem espress,

[4] Ara d-Dok "GB1", f'paġ. 179 tal-proċess

kienet għadha trid tittieħed deċiżjoni finali dwar it-talba ta' MAL biex tingħata sit industrijali mnejn twettaq l-attività kummerċjali tagħha. Il-Qorti ma temminx li ME kienet sejra toqgħod tagħmel proċess bħal dan, bl-involviment ta' uffiċjali għolja tagħha u bis-sejħa ta' laqgħat tal-Bord, biex tittieħed deċiżjoni li, skond hi, kienet meħuda b'mod definittiv xahar qabel. Mela, ladarba l-kwestjoni reġgħet infetħet mill-ġdid, ma jista' jkun qatt li d-deċiżjoni meħuda fl-ittra tas-16 ta' Frar, 2004, kienet id-deċiżjoni li MAL messha impunjat bl-azzjoni tagħha;

13. Il-Qorti ma jidhrilhiex li huwa determinanti għas-siwi tal-eċċezzjoni, li d-deċiżjoni meħuda fl-ittra tat-23 ta' April, 2004, kienet l-istess bħad-deċiżjoni meħuda fl-ittra tas-16 ta' Frar, 2004. Kien fl-ittra ta' April u f'dak il-waqt li ME qalet l-aħħar kelma dwar id-deċiżjoni tagħha fuq it-talba ta' MAL. Il-fatt li l-aħħar kelma tenniet il-kelma u l-fehma ta' qabel ma jfissirx li sa dak il-ħin ma kenitx għadha miftuħa biex tibdel dik il-fehma jew dik id-deċiżjoni. Kien f'dak il-waqt ukoll li MAL sare taf x'kien ġara mit-talba tagħha u setgħet tara kif sejra tirregola ruħha;

14. Fit-tieni lok u fuq livell ta' dritt, għalkemm huwa minnu li din l-eċċezzjoni hija waħda perentorja tal-ġudizzju, hija eċċezzjoni li messha tqajmet *in limine litis* għaliex id-dekadenza tal-azzjoni (b'differenza mill-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni) mhijiex waħda mill-eċċezzjonijiet li jsemmi l-artikolu 731 tal-Kap 12 u għaldaqstant, jekk ma titqajjimx fil-bidu mat-

Tweġiba Maħlufa, jitqies li l-parti mħarrka tkun irrinunzjat għaliha[5]. F'dan il-każ, tant ME irrinunzjat għall-eċċezzjoni li baqgħet tikkontesta l-kawża fil-mertu u tressaq il-provi tagħha u jidher li ntebħet biha biss meta kienet qiegħda tfassal is-sottomissjonijiet tal-għeluq[6] meta kien tard wisq;

15. Tressaq l-argument li l-ewwel Qorti messha qajmet minn rajha ("*ex ufficio*") il-preġudizzjali tad-dekadenza tal-azzjoni attriċi li kellha quddiemha wara li deher li l-kawża setgħet infetħet wara ż-żmien. Filwaqt li tagħraf li hemm fehma li, fejn jirrigwarda termini perentorji, il-kwestjoni tista' tabilħaqq titqajjem "*ex ufficio*", il-Qorti tqis li dan l-argument ma jibdel xejn mill-kunsiderazzjonijiet li saru aktar qabel. Jibqa' fatt li kienet ME li qajmet l-eċċezzjoni żmien wara li nqabżet il-fażi xierqa tal-kawża u, kif intwera, miċ-ċirkostanzi fattwali ma jirriżultax li tassew kien il-każ li MAL fetħet il-kawża wara li kien għalqilha ż-żmien;

16. Illi għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti ssib li l-ewwel Qorti għamlet stħarriġ xieraq tal-aspetti rilevanti tal-każ u għamlet sewwa li ċaħdet l-eċċezzjoni ulterjuri. Għalhekk, din il-Qorti sejra tiċħad dan l-ewwel aggravju;

---

5 Ara App. Ċiv. **19.5.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Maria Victoria Borġ et vs Sindku Kunsill Lokali Pieta' noe et noe*** u l-każijiet li tirreferi għalihom

6 Li ressqithom fil-21 ta' Lulju, 2008 (ara paġġ. 288 sa 292 tal-proċess) u dan jumejn qabel ma ressqet in-Nota ta' Eċċezzjonijiet ulterjuri dwar id-dekadenza tal-azzjoni

17. Illi bit-**tieni aggravju** tagħha, ME tilminta li l-ewwel Qorti ma żammitx mal-limiti ta' stħarriġ ġudizzjarju biex tissindika l-egħmil amministrattiv, iżda marret lil hinn minn hekk u issostitwiet id-diskrezzjoni tagħha minflok dik ta' l-awtorità pubblika li kienet qiegħda tistħarreġ. ME tgħid li, fis-sentenza appellata, l-ewwel Qorti iddettatilha xi trid tiddeċiedi u ma waqfitx biex tgħid li d-deċiżjoni meħuda kontra MAL ma kinitx tiswa. ME tgħid li l-ewwel Qorti ħadet id-deċiżjoni minflok ME;

18. Il-Qorti tagħraf li, bħala prinċipju aċċettat, f'azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju huwa stabbilit li qorti twettaq funzjonijiet limitati maħsuba biex tara li l-egħmil amministrattiv ikun sar skond il-liġi, b'użu xieraq tas-setgħat mogħtijin lill-awtorità li tkun mill-istess liġi, u b'mod li ma jkunx hemm u la ksur tal-jeddijiet imħarsin mill-ġustizzja naturali u lanqas twettiq abbużiv tal-istess setgħat. Bħala tali, f'azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju – kemm jekk hija waħda mibdija taħt l-artikolu 469A tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili u kif ukoll waħda taħt il-liġi ġenerali – xogħol il-qorti huwa dak ta' "kassazzjoni" tal-egħmil li minnu jitressaq l-ilment quddiemha: il-Qorti ma tiħux fuqha b'rimedju t-teħid jew it-twettiq tal-egħmil amministrattiv, liema egħmil huwa setgħa li l-liġi tagħti biss lill-awtorità pubblika li tkun;

19. Ir-rwol tal-Qorti ilu żmien mifhum u aċċettat u dan joħroġ min-natura nnifisha tal-azzjoni ta' stħarriġ tal-egħmil amministrattiv.

Għaldaqstant, meta l-Qorti tintalab tistħarreġ egħmil amministrattiv għandha tqis is-siwi ta' għemil bħal dak skond il-kejl tal-liġi u tal-prinċipji li jgħoddu għall-każ (u, jekk jirriżultaw iċ-ċirkostanzi xierqa, li tħassar dak l-egħmil jew issibu ma jiswiex) mingħajr ma hija stess tieħu d-deċiżjoni minflok l-awtorità kompetenti li lilha l-liġi tkun tat dik is-setgħa. Hu mħolli għal dik l-awtorità li twettaq, bid-diskrezzjoni xierqa, l-egħmil u li tieħu d-deċiżjonijiet li jitnisslu minn eżerċizzju bħal dak. It-tħassir ta' deċiżjoni min-naħa tal-Qorti jġib biss li l-istess Qorti terġa' tgħaddi l-każ għas-smigħ lil dik l-awtorità għall-kunsiderazzjoni mill-ġdid tal-każ[7]. Jista' jkun li l-Qorti tindika lill-awtorità pubblika li tkun li meta tqis mill-ġdid il-każ, il-konsiderazzjonijiet ikunu fuq il-linji suġġeriti fis-sentenza li fiha l-egħmil amministrattiv ikun ġie mistħarreġ;

20. Dawn il-parametri huma mfissra b'mod ċar u tajjeb f'dan il-kliem meta jingħad li l-istħarriġ ġudizzjarju "*does not allow the court of review to examine the evidence with a view to forming its own view about the substantial merits of the case. It may be that the tribunal whose decision is being challenged has done something which it had no lawful authority to do. It may have abused or misused the authority which it had. It may have departed from the procedures which either by statute or at common law as matter of fairness it ought to have observed. As regards the*

[7] App. Ċiv. **11.5.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Reginald Fava pro et noe vs Suprintendent tas-Saħħa Pubblika et*** u App. Ċiv. **5.4.2013** fil-kawża fl-ismijiet ***Saed Salem Saed vs Bord tal-Appelli dwar ir-Rifuġjati et*** fost oħrajn

*decision itself it may be found to be perverse or irrational, or grossly disproportionate to what was required. Or the decision may be found to be erroneous in respect of a legal deficiency, as for example, through the absence of evidence, or of sufficient evidence to support it, or through account being taken of irrelevant matter, or through a failure for any reason to take account of a relevant matter, or through some misconstruction of the terms of the statutory provision which the decision maker is required to apply. But while the evidence may have to be explored in order to see if the decision is vitiated by such legal deficiencies it is perfectly clear that in a case of review, as distinct from ordinary appeal, the court may not set about forming its own preferred view of the evidence*"[8];

21. Għalhekk, f'azzjoni skond l-Artikolu 469A tal-Kap 12 għall-istħarriġ ġudizzjarju ta' egħmil amministrattiv, qorti tista' tintalab li tħassar att amministrattiv għax ma jkunx sar skond il-liġi; iżda ma tistax tintalab tissostitwixxi hi l-att hekk imħassar permezz ta' att ieħor;

22. Din il-Qorti tqis li l-appell minn sentenza jitressaq mill-parti dispożittiva tagħha u mhux mill-kunsiderazzjonijiet li jkunu wasslu għaliha. Jidher ċar li dan l-aggravju ta' ME jinbena fuq il-parti tas-sentenza appellata li fiha l-ewwel Qorti kienet qiegħda tevalwa l-provi li

[8] In ***Re Reid vs Secretary of State for Scotland*** **(1999)**

tressqu fid-dawl tal-liġi speċjali li tgħodd għall-każ. Dik il-Qorti – l-istess bħalma kienet uriet il-Perit Legali maħtura minnha fir-relazzjoni tagħha – sabet li kien hemm nuqqas fundamentali minħabba li l-*policy* mħaddma dak iż-żmien ma kinitx ippubbliċiżżata bl-ebda mod u mgħarrfa lil kull min ikun biex wieħed jaf x'kien aċċetat u x'ma kienx. L-ewwel Qorti, għalhekk sabet li r-raġuni li wasslet għad-deċiżjoni ta' ME li ma tilqax it-talba ta' MAL kienet '*ultra vires*' u abbużiva, ukoll għaliex ma kinitx ingħatat lil MAL raġuni għaliex it-talba tagħha ma kinitx intlaqgħet. Dawn kollha huma kunsiderazzjonijiet li qorti hija mistennija li tagħmel f'eżerċizzju ta' stħarriġ ġudizzjarju ta' egħmil amministrattiv;

23. Qari mqar mad-daqqa t'għajn tas-sentenza appellata għandu juri li dan l-aggravju ta' ME mhuwiex mistħoqq. L-ewwel Qorti kienet ċara u preċiża fil-mod kif wieġbet għat-talbiet attriċi u għall-eċċezzjonijiet imqajma għalihom u mkien ma ssib li dik il-Qorti arrogat għaliha xi waħda mill-funzjonijiet li l-liġi tagħti lill-ME. Il-parti dispożitiva tas-sentenza appellata sabet li d-deċiżjoni meħuda kienet tikser il-liġi u għalhekk ħassritha: la qalet x'messha kienet id-deċiżjoni u lanqas bagħtet l-atti lura lil ME biex terġa' tiddeċiedi. Il-fatt li l-ewwel Qorti semmiet x'kienu l-kawżali (li wkoll jissemmew kemm fl-artikolu 469A(1)(b) u kif ukoll kienu invokati minn MAL fl-ewwel talba tagħha) li minħabba fihom sabet li d-deċiżjoni amministrattiva kienet waħda bla effett, mhux talli ma

jikkostitwix it-teħid tal-funzjonijet ta' ME, talli huwa element neċessarju biex juri x'kienu l-motivi li wasslu lill-ewwel Qorti ssib ksur bħal dak;

24. Taħt dan l-aggravju ME tgħid ukoll li l-ewwel Qorti naqset li żżomm quddiem għajnejha li MAL ma kinitx tikkwalifika bħala "kumpannija kwalifikanti" għall-finijiet tal-artikolu 2(1) tal-Kapitolu 325 tal-Liġijiet ta' Malta u dan minħabba li l-istatut tagħha kien jaħseb għal attivitajiet kummerċjali oħrajn li ma jaqgħux taħt attivitajiet li jaħseb għalihom l-artikolu 3(1) tal-istess Att. B'mod partikolari, tqanqal il-kwestjoni li MAL ma kinitx waħda '*stand alone*' li l-attività kummerċjali waħdanija tagħha kienet taqa' taħt xi waħda mill-attivitajiet maħsuba f'dak l-artikolu;

25. Il-Qorti tqs li dan l-argument – li kien wieħed mill-argumenti mqanqla minn ME hi u miexja l-kawża quddiem l-ewwel Qorti – ma jindirizzax ir-raġuni li jidher li wasslet lil ME tieħu d-deċiżjoni tagħha fl-ittra tagħha tat-23 ta' April, 2004[9] lil MAL. Ir-raġuni msemmija f'dik l-ittra mhijiex li MAL ma tikkwalifikax għall-għajnuna taħt l-Att minħabba li l-istatut tagħha jippermettilha aktar minn għan ("*objects clause*") wieħed ta' kummerċ, imma minħabba li l-attività li hija xtaqet twettaq fil-fabbrika allokata lilha (jiġifieri, dik ta' restawr ta' għamara) ma kienx attività kummerċjali li ME kienet tqisha rilevanti biżżejjed biex tallokalha fabbrika[10]. B'dak ir-raġunament, MAL setgħet ressqet talba xorta waħda

[9] Ara Dok "JT8", f'paġ. 149 tal-proċess
[10] Ara x-xhieda ta' Joseph Żammit Tabona f'paġġ. 194 – 5 tal-proċess

bi statut imfassal apposta bħala '*sand-alone company*' b'dik l-attività u xorta waħda, skond uffiċjali għolja ta' ME, ma kinitx tintlaqgħalha t-talba tagħha. Għalhekk, din il-Qorti ma tarax kif l-aggravju ta' ME fil-konfront tal-ewwel Qorti minn dan l-aspett jista' jitqies bħala rilevanti;

26. Għalhekk, lanqas dan it-tieni aggravju ma huwa tajjeb u mhux sejjer jintlaqa';

27. Bit-**tielet aggravju** tagħha, ME tgħid li ma huwiex minnu li hija ma tatx lil MAL raġuni għaċ-ċaħda tat-talba tagħha u għalhekk is-sentenza appellata tistrieħ fuq ċirkostanza li mhix sorretta mill-atti tal-kawża. Tilminta wkoll safejn is-sentenza appellata sabitha ħatja ta' diskriminazzjoni bi ħsara għal MAL;

28. Il-Qorti jidhrilha li eżami ta' dan l-aggravju jkun eżerċizzju x'aktarx akkademiku. Ladarba din il-Qorti sabet li t-tieni aggravju ma huwiex mistħoqq, ir-raġunijiet mogħtija mill-ewwel Qorti fis-sentenza appellata taħt dik il-kawżali huma biżżejjed biex issib li d-deċiżjoni meħuda minn ME ma kinitx waħda legali. Minkejja dan, mill-atti tal-kawża jirriżulta sewwa li, wara li laqgħet għandha l-ittra tas-16 ta' Frar, 2004[11], (li ma tat l-ebda raġuni għaliex it-talba ta' MAL ma ntlaqgħetx) sa ma ttieħdet id-

[11] Ara Dok "JT6", f'paġ. 147 tal-proċess

deċiżjoni aħħarija fl-ittra tat-23 ta' April, 2004, ma ngħatat l-ebda raġuni formali lil MAL dwar ir-raġuni li wasslet lil ME ma tilqax it-talba tagħha;

29. Għalhekk, il-Qorti ssib li lanqas dan l-aggravju ma jixraq jintlaqa';

30. Jifdal li l-Qorti tqis ir-**raba' aggravju** ta' ME. Dan jirrigwarda dik il-parti tas-sentenza appellata li biha l-ewwel Qorti ikkundannatha tħallas id-danni lil MAL. Taħt dan l-aggravju, ME tilmenta kemm mill-fatt li l-ewwel Qorti sabet li ME hija passbbili għad-danni meta, skond il-liġi, dan ma kienx il-każ, u kif ukoll mill-ammont ta' danni likwidati;

31. Dwar l-ewwel aspett tal-aggravju, ME tgħid li ma teżisti l-ebda ċirkostanza maħsuba fil-liġi biex setgħet wasslet lill-ewwel Qorti ssibha passibbli għall-ħlas tad-danni lil MAL. Tgħid li żgur ma ntweriex li hija mxiet b'mala fidi, u żżid tgħid li l-ewwel Qorti ma sabitx li ME imxiet b'mod irraġonevoli;

32. Il-liġi tagħti li, f'azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju, il-parti attriċi tkun tista' titlob ukoll il-ħlas għad-danni msejsa fuq ir-responsabbiltà allegata tal-awtorità pubblika pubblika li tkun għamlet delitt jew kważi-delitt li joħroġ mill-egħmil amministrattiv. Imma l-istess liġi iżżid tgħid li "*Dawk id-danni ma għandhomx jingħataw mill-qorti meta, minkejja l-annullament tal-att amministrattiv, l-awtorità pubblika ma tkunx aġixxiet in mala fede*

*jew b'mod mhux raġonevoli jew meta l-azzjoni mitluba setgħet legalment u raġonevolment ġiet miċħuda taħt kull setgħa oħra*"[12]. Dan ifisser, għalhekk, li l-għoti ta' danni b'kumpens għall-ħsara mġarrba minn egħmil amministrattiv jitlob it-twettiq ta' kundizzjonijiet mhux traskurabbli;

33. Din il-Qorti tqis, qabel xejn, li minn qari tad-dispożizzjonijet tal-imsemmi artikolu, l-għoti ta' kumpens għad-danni f'azzjoni bħal din huwa effett sussidjarju u mhux obbligatorju ta' azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju. Dan joħroġ ukoll mill-kliem tad-dispożizzjoni tal-artikolu 469A(5) tal-Kap 12 li jitkellem dwar meta u f'liema ċirkostanza l-Qorti tista' tikkundanna lill-awtorità pubblika għall-ħlas tad-danni. Lanqas ma jista' jingħad li l-azzjoni għal danni minn persuna mġarrba minn xi deċiżjoni jew egħmil tal-amministrazzjoni pubblika tinstab bilfors bis-saħħa ta' u fi ħdan azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju taħt l-artikolu 469A[13];

34. F'dan ir-rigward ingħad li "*The absence of a right to damages on judicial review grounds has historically been justified principally on the basis that the purpose of the supervisory jurisdiction of the Administrative Court is not to compensate individuals but to act as a check on the exercise of the powers of public bodies. As noted by Lord Woolf in the 2005 ALBA annual lecture: "The justification for not giving damages for judicial review is that the proceedings are brought for the benefit of the*

[12] Art. 469A(5) tal-Kap 12
[13] App. Ċiv. **28.1.2005** fil-kawża fl-ismijiet ***Frank Paċe et vs Kummissarju tal-Pulizija et***

*public as a whole, good administration being for the benefit of the public as well as the individual applicant*."[14] *However, like the Law Commission, and many members of the profession, Lord Woolf also questioned why the court should not also be empowered to award damages to an individual who has suffered loss as a result of maladministration. The theoretical distinction between a supervisory and compensatory jurisdiction is brought into stark contrast when the practicalities of awarding damages in judicial review proceedings are considered. The court is rightly wary of substituting its own decision for that of the public authority. The introduction of a damages remedy may, however, undermine this approach, as the quantum of, if not entitlement to, damages is likely to be contingent upon the remaking of the impugned decision*"[15];

35. Għalhekk, meta qorti tintalab tgħaddi għall-għoti ta' danni minħabba l-egħmil amministrattiv, dan jitlob li dik il-Qorti ma tinsiex il-funzjoni tagħha li ma tidħolx minflok l-awtorità li tkun qiegħda tistħarreġ. Jitlob ukoll li jekk tqis li għandha tagħti kumpens għad-danni mġarrba, dan għandha tagħmlu biss jekk kemm-il darba jirriżultaw xi waħda jew aktar mill-kontinġenzi speċifiċi maħsuba mil-liġi. B'żieda ma' dan, fil-qasam tad-dritt pubbliku Ingliż li minnu nstiltu d-dispożizzjonijiet relattivi

[14] Lord Woolf, "*Has the Human Rights Act made Judicial Review Redundant?*" Alba Annual Lecture (23 November 2005).
[15] Hogan Lovells "*Damages in Judicial Review: The Commercial Context*" (2008)

tal-proċediment tal-istħarriġ ġudizzjarju fl-ordinament Malti, inkiteb li "*Damages are available as a remedy in judicial review in limited circumstances. Compensation is not available merely because a public authority has acted unlawfully. For damages to be available there must be either: (a) A recognised 'private' law cause of action such as negligence or breach of statutory duty or; (b) A claim under European law or the Human Rights Act 1998*"[16];

36. Id-danni li jintalbu taħt l-artikolu 469A(5) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta huma marbutin sfiq mar-responsabbiltà li ġġib fuqha l-awtorità pubblika bi twettiq ta' delitt jew kważi-delitt li joħroġ mill-egħmil amministrattiv impunjat. Huwa mgħallem li "*(i)t is now clear that what might be called administrative torts are a subject of importance, and often of difficulty, in administrative law. .. the remedy of damages, which has always been an essential element in the protection of the citizen against public authorities, is already gaining greater prominence as a means of ensuring that powers are exercised responsibly, in good faith and with due care*"[17];

37. F'kull każ, l-għoti ta' kumpens taħt l-imsemmija dispożizzjoni tal-liġi titlob li qabel kollox ikun sar proċess ta' stħarriġ ġudizzjarju li jsib li l-egħmil amministrattiv ikun milqut b'xi nuqqas li jwassal għat-tħassir

[16] Public Law Project Information Leaflet (Series 5)
[17] HWR Wade & CF Forsyth *Administrative Law* (9th Edit, 2004) paġ. 560

tiegħu[18]. Minbarra dan, il-bażi tal-ħsara trid tkun dik akwiljana mibnija fuq in-negliġenza jew id-dolo u ma jidhirx li tiġbor fiha l-ħlas ta' kumpens morali[19]. Dan jitlob ukoll li meta persuna titlob il-ħlas tal-kumpens għad-danni mġarrba minħabba egħmil amministrattiv, jaqa' fuqha li turi bi provi tajbin biżżejjed x'ikunu d-danni li tkun ġarrbet. Din ir-regola ma hija xejn anqas minn dik mistennija f'azzjoni ordinarja ta' danni akwiljani;

38. Fost ir-raġunijiet imsemmija mill-ewwel Qorti li wassluha ssib li kellha tħassar id-deċiżjoni ta' ME hemm dik tar-raġonevolezza. Dan sabitu kemm fl-aspett tal-mertu tad-deċiżjoni u l-ħarsien tal-prinċipji ta' ġustizzja naturali, u kif ukoll fl-aspett tat-trattament diskriminatorju;

39. Id-dmir li awtorità taġixxi raġonevolment mhux l-istess bħad-dmir li taġixxi *bona fide*[20]. Għalhekk, filwaqt li mhux kull eżerċizzju raġonevoli ta' ġudizzju huwa bilfors korrett, lanqas mhuwa bilfors irraġonevoli kull eżerċizzju ta' ġudizzju żbaljat[21]. F'każ bħal dan, ix-xiber li l-Qorti jidher li għandha tuża biex tkejjel bih ikun dak li tqis jekk id-deċiżjoni li minnha jkun hemm ilment kinitx mistennija li tittieħed minn persuni raġonevoli;

---

[18] App. Ċiv. **31.5.2013** fil-kawża fl-ismijiet ***Karmenu Mifsud vs Awtorita' Dwar it-Trasport ta' Malta et***
[19] P.A. NC **22.12.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Denise Buttiġieġ vs Rettur ta' l-Università ta' Malta et*** (mhix appellata)
[20] Ara, per eżempju, ***R vs Roberts, ex p. Scurr*** (**1924**) 2 K.B. 695
[21] Ara, per eżempju, ***R. vs W* (1971)** A.C. 682

40. Il-kittieba l-aktar awtorevoli f'dan il-qasam jgħallmu li r-rwol ewlieni tal-Qrati fid-dritt amministrattiv huwa dak li jiżguraw li ma tonqosx il-legalità fl-għemil mistħarreġ, iżjed minn dak li jaraw li l-awtorità pubblika mistħarrġa tkun iddeċidiet sewwa. Hekk ukoll tfissret il-qagħda f'bosta deċiżjonijiet tal-qrati[22];

41. Huwa stabilit li biex jitqies jekk awtorità wettqitx b'mod raġonevoli d-diskrezzjoni mogħtija lilha bis-saħħa ta' xi liġi, irid jintwera li dik l-awtorità mxiet ma' dak li kellha jew messha tagħmel u mhux biss ma' dak li setgħet tagħmel[23]. Dan ifisser li l-kejl tar-raġonevolezza jkun wieħed oġġettiv marbut maċ-ċirkostanzi fattwali li fihom dik l-istess diskrezzjoni titwettaq[24]. B'żieda ma' dan, biex imġiba titqies abbużiva, min jallegaha jrid juri li kien hemm element ta' intenzjoni biex wieħed jagħmel il-ħsara, liema fehma wieħed jista' jasal biex juriha b'xi prova ta' mġiba esterna li tagħmel parti mill-eżerċizzju diskrezzjonali li jkun. Minbarra dan, l-eżerċizzju diskrezzjonali jrid ikun kemm "*rite*" u kif ukoll "*recte*", jiġifieri jrid jitwettaq skond il-proċedura stabilita u kif ukoll imħaddem b'ħaqq[25];

42. Illi l-grad tar-"raġonevolezza" meħtieġ biex jiġi soddisfatt dan ir-rekwizit, ġie mistħarreġ u mfisser ukoll mill-Qrati tagħna meta ngħad

---

[22] Ara l-bosta riferenzi msemmija minn din il-Qorti (JZM) fis-sentenza tad-**9.6.2011** fil-kawża fl-ismijiet ***Mario Debono et vs Tabib Prinċipali tal-Gvern et***
[23] H.W.R. Wade & C.F. Forsyth, Administrative Law (10th. Edit), pġ. 295
[24] App. Ċiv. **27.3.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Carmelo Dingli et vs Kontrollur tad-Dwana et***
[25] App. Inf. PS **26.2.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Peter J. Azzopardi et noe vs Awtorita' għas-Servizzi Finanzjarji***

li:*"F'dan ir-rigward il-Qrati Inglizi applikaw u esponew dan il-principju f'diversi forom. Hekk, per eżempju, fil-każ* ***Wednesbury Corporation*** *Lord Greene semma bħala kriterju li l-azzjoni in disamina tkun "so absurd that no sensible man could ever dream that it lay within the powers of the authority"; Lord Denning fit-****Tameside Case*** *esprima dan il-kunċett f'dawn it-termini "so wrong that no reasonable person could sensibly take that view" u Lord Diplock fil-każ* ***Council of Civil Service Unions*** *qal "so outrageous in its defiance of logic or of accepted moral standards that no sensible person who had applied his mind to the question to be decided could have arrived at it"*[26];

43. F'dan ir-rigward, l-aggravju ta' ME jidher mistħoqq mhux għaliex l-ewwel Qorti ma qisitx sewwa l-egħmil amministrattiv, iżda minħabba li l-azzjoni mitluba minn MAL setgħet legalment u raġonevolment ġiet miċħuda taħt kull setgħa oħra. Kif qalet l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata, id-deċiżjoni meħuda minn ME fuq it-talba ta' MAL tħassret minħabba l-mod kif ingħatat (bi ksur tal-prinċipji ta' ġustizzja naturali u b'mod diskriminatorju). Madankollu, bi twettiq xieraq tad-diskrezzjoni fdata fiha u bi proċess li jħares effetvament il-prinċipji ta' ġustizzja naturali, ME setgħet legalment u raġonevolment tasal għall-istess deċiżjoni li waslet għaliha b'mod illegali. Dan għaliex id-dispożizzjonijiet

[26] P.A. NC **22.12.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Denise Buttiġieġ vs Rettur ta' l-Università ta' Malta et*** u T.R.A. GV **11.6.2012** fil-kawża fl-ismijiet ***Vincent Mallia vs Ministeru tal-Intern u Affarijiet Parlamentari et***

rilevanti tal-Kapitolu 325 innifishom kienu jistgħu jwasslu għall-istess deċiżjoni meħuda. Dan iwassal biex jonqos element essenzjali li bih l-ewwel Qorti setgħet sabet lil ME passibbli għad-danni kif maħsuba fl-artikolu 469A(5) tal-Kapitolu 12[27];

44. Għalhekk, il-Qorti ssib li dan l-aspett tar-raba' aggravju huwa mistħoqq u sejra tilqgħu;

45. Ladarba l-Qorti qiegħda tasal f'din il-fehma, mhux il-każ li tistħarreġ l-ilment tal-ammont likwidat bħala danni, għaliex il-Qorti sejra tirriforma s-sentenza appellata f'dak ir-rigward;

**Decide:**

46. Għal dawn ir-raġunijiet ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tilqa' in parti l-appell** tal-korporazzjoni intimata mis-sentenza appellata mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-31 ta' Ottubru, 2013, fil-kawża fl-ismijiet premessi billi tibdel l-imsemmija sentenza kif ġej: tikkonfermaha

[27] Ara, b'eżempju, App. Ċiv. **31.1.2007** fil-kawża fl-ismijiet ***Tabone Computer Centre Ltd. vs Direttur tat-Telegrafija Mingħajr Fili et*** fejn, minkejja li nstab li l-egħml amministrattiv kien wieħed irraġonevoli, ma ntlaqgħetx it-talba għal-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni

safejn laqgħet l-ewwel talba attriċi, imma tħassarha safejn laqgħet it-talbiet attriċi l-oħrajn; u

**Tordna** li l-**ispejjeż tal-kawża**, fiż-żewġ istanzi, jinqasmu bin-nofs ($^1/_2$) bejn il-partijiet.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm